MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Numru 53/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

vs

**Paul Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Paul Muscat bin Manuel u Pietra nee' Azzopardi imwieled Nadur u joqghod "Caveman" Triq Ramla, Nadur, ta' karta ta' identita' numru 29056(G), akkuzat talli:

1. fil-25 ta' Ottubru 2002 ghall-habta tal-11.15 ta' filghodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'

haddiehor f'perikolu car, bil-hsieb li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Manuel Portelli, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi spara arma tan-nar regolari fid-direzzjoni ta' Manuel Portelli, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel f'Ghawdex, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu, zamm f'xi fond arma tan-nar u munizzjon;

3. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel f'Ghawdex, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar u munizzjon;

4. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, naqas li minnufih javza lill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel id-delitt kontra l-persuna ta' Manuel Portelli kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar regolari;

6. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinflwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi;

8. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u glied.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali li bihom baghat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex u a bazi tal-artikoli tal-ligi hemm citati tiddeciedi dwar jekk mill-atti kompilati ssibx xi htija jew htijiet fl-imputat.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar xhieda;

Semghet l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet il-provi kollha inkluz l-imputat bil-gurament.

Rat l-atti u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Ai termini tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat:

- li, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' persuna f'perikolu car, ikkaguna ferita gravi, a bazi tal-Artikolu 216 u 218 tal-Kap 9, b'uzu ta' arma regolari, fuq il-persuna ta' Manuel Portelli.

- li ngurja jew hedded u attakka u rresista lill-Pulizija, ufficjali pubblici;

- li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

- li, taht l-Ordinanza dwar l-Armi, Kap 66, ma kellux licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija li jzomm jew igorr arma tan-nar u munizzjon; li m' avzax lill-istess Kummissarju tal-Pulizija meta gie fil-pussess tal-arma tan-nar; ta' recidiva taht din l-Ordinanza; b'pussess ta' arma

tan-nar taht cirkostanzi imsemmija fl-Artikolu 26 tal-imsemmi Kap.

Illi mill-provi johorgu cari u skjetti c-cirkostanzi li taw origini ghall-akkuzi odjerni. Dawn huma li l-imputat fid-data, hin u lok imsemmija kien qieghed idur ghall-kacca fl-inhawi fejn joqghod, li mhux boghod fejn joqghod l-kwerelant, u meta rah ftakar f'xi episodji fejn l-istess kwerelant kien ghamillu xi hsara fil-proprjeta' tieghu u anka prova jinkriminah mal-pulizija bir-reat serju ta' traffikar. Issa jekk l-imputat kienx gustifikat li jahseb fil-kwerelant li kienet il-persuna wara dan l-ghemil kontra tieghu li seta' poggih f'inkwiet kbir ma jirrizultax fic-car. Hu cert pero' li l-imputat wahhal f'rasu li kien l-kwerelant tant li resaq lejh u hemmhekk kellhom argument. Sa dan l-istadju pero' dan ma kellux segwitu izda kif l-imputat kien miexi 'l hemm hu spara zewg tiri bl-arma tan-nar li kien qieghed igorr fid-direzzjoni tal-kwerelant. Meta gew il-pulizija beda jinsulentahom u jheddidhom u ppersista li ma jobdix l-ordnijiet taghhom.

Illi l-Brigadier Maurcice Calleja kien kategoriku fix-xhieda tieghu li d-distanza li fiha gew sparati t-tiri mill-imputat kienet teskludi li setghet tolqot lill-kwerelant jew ukoll li tikkawza danni.

Illi mill-assiem tal-provi l-Qorti m'hiex qeghdha tirrijavvisa ebda htija fl-ewwel imputazzjoni, li fil-fehma taghha ma tirrizultax. Lanqas, mill-provi ma jirrizulta l-attakk u resistenza. Jirrizultaw pero' kemm l-offiza taht l-Artikolu 95 ta' ingurji jew theddid lill-pulizija waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u wkoll l-offiza kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika li hi manifesta fl-agir tal-imputat li jidher li kien f'xi hin tilef il-kontroll fuqu nnifsu.

Illi sakemm l-akkuzi huma diretti kontra l-Kap 66 hu manifest li l-imputat ghandu jinstab hati tal-ksur tal-Artikolu 3 u 9 izda mhux tal-Artikolu 26.

Ghalhekk tiddeciedi li ssib l-imputat hati:

- ta’ inguriji u theddid kontra pulizija qua ufficjali pubblici;

- li volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;

- li zamm u garr arma tan-nar minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

- li naqas li javza lill-Kummissarju meta gie fil-pussess ta’ din l-arma.

Fil-waqt li tilliberah mill-bqija tal-akkuzi rat l-Artikolu 95, 338(dd) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 u 9 tal-Kap 66 u stante li hi prekluza li tapplika l-Kap 446 qeghdha tikkundanna l-imputat ghal tliet xhur prigunerja li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendi ghal sena mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat f’dan il-perjodu ta’ din is-sentenza sospiza. Tordna pero’ ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 66 u l-Artikolu 23 tal-Kap 9 il-konfiska tal-arma.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------